Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9687 — CPPIB/OTPP/IDEAL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 2/03)

1. Fit-18 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Kanada Pension Plan Investment Board ("CPPIB", il-Kanada),

— Ontario Teachers' Pension Plan Board ("OTPP", il-Kanada),

— Impulsora del Desarrollo y el Empleo en America Latina S.A.B. de C.V. ("IDEAL", il-Messiku).

CPPIB u OTPP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' IDEAL.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-21 ta' Novembru 2019.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CPPIB: organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-investiment li tinvesti f'ekwitajiet pubbliċi, ekwitajiet privati, proprjetà immobbli, infrastruttura u strumenti ta' introjtu fiss,

— OTPP: L-ikbar pjan tal-pensjonijiet għal professjoni waħda fil-Kanada, li għandu portafoll dinji divers ta' assi,

— IDEAL: L-iżvilupp, il-promozzjoni, it-tħaddim ta' proġetti tal-infrastruttura fil-Messiku u fl-Amerka Latina bi 17-il konċessjoni tal-infrastruttura f'setturi differenti fil-Messiku, fosthom toroq bi ħlas, l-ilma, l-enerġija, l-infrastruttura soċjali u terminal tal-loġistika.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9687 — CPPIB/OTPP/IDEAL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:
European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.